# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 6**

**Rikors numru 37/13/1 JRM**

**Darren Vella**

**v.**

**Ryan Sciberras u b'digriet tat-18 ta' Frar 2013, is-soċjetà Fogg I Agency Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Comapny (Europe) Limited intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-intimat Ryan Sciberras wara deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Lulju 2021. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Sciberras u laqgħet it-talbiet tal-attur u sabet lill-intimat Sciberras

responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u kkundannat kemm lill-intimat Ryan Sciberras u kemm lis-soċjetà Fogg Insurance Agency Limited (C – 597) sabiex flimkien iħallsu lill-attur l-ammont ta' erbgħa u sittin elf, erba' mija u ħames ewro (€64,405) b'imgħax legali mid-data tas-sentenza, bis-soċjetà Fogg Insurance Agency Limited (C – 597) ikollha l-jedd ta' rivalsa fil-konfront tal-intimat Sciberras.

**Daħla**

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fis-16 ta' Jannar 2013, talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1. Tiddikjarah responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fis-17 ta' Lulju 2011, fi Triq is-Sejba, Mqabba u għad-danni li b'riżultat ta' l-istess sofra l-attur;*
>
> *2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkundannah iħallas lill-attur dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bħala dovuti u in linea ta' danni, kif imfisser."*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi l-istanti Darren Vella, fis-17 ta' Lulju 2011, kien qed ibiddel tyre ta' terzi f'vettura ġewwa Mqabba;*
>
> *2. Illi l-inċident stradali seħħ meta l-konvenut, Ryan Sciberras, li kien qed isuq il-vettura tal-għamla Mazda u li ġġorr in-numru ta' reġistrazzjoni RYN 131, ħareġ mill-karreġġjata illi kien jinsab isuq fiha, spiċċa kontroman fil-karreġġjata l-oħra opposta għad-direzzjoni tiegħu u tajjar lil Darren Vella li kien qed ibbidel tyre;*
>
> *3. Illi l-inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da*

*parti tal-konvenut illi, mingħajr ma ħa d-dovuti kawteli, spiċċa biex baqa' dieħel fl-esponenti li kien jinsab għarkubtejh ibiddel tyre f'vettura;*

*4. Illi riżultat ta' dan l-inċident stradali, Darren Vella safa imweġġa gravement u ser jibqa permanentament debilitat, u dan oltre d-danni materjali minnu wkoll sofferti;*

*5. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma għamel tajjeb għad-danni minnu kkaġunati kif imfisser;*

*6. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabli għall-inċident stradali msemmi;*

*7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża."*

4. L-intimat Ryan Sciberras ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li l-eċċipjenti kkaġuna danni fil-konfront tar-rikorrenti, kif espost fir-rikors promotur, u dan kif ser jiġi espost fit-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Illi isegwi, li t-tieni talba kif rivolta fil-konfront ta' l-eċċipjenti hija nsostenibbli, stante li ma hemmx danni sabiex jiġu likwidati;*

*3. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet attriċi kif rivolti fil-konfront ta' l-esponenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt, u dan kif sere jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont jekk ikun il-każ.*

*5.Bl-ispejjeż."*

5. Is-soċjetà intervjenenti fil-kawża Fogg Insurance Agency Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited, wara rikors mressaq minnha nhar il-15 ta' Frar 2013, ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni tat-tip Comprehensive sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RXN 131, di proprjeta' ta' ċertu Silvio Sciberras, bil-*

*kundizzjoni espressa illi l-istess vettura ma kellhiex tinstaq minn persuni taħt il-ħamsa u għoxrin (25) sena u dana skond ma jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni relattiv, illi kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG1;*

*2. Illi nhar is-17 ta' Lulju 2011, l-imsemmija vettura kienet involuta f'inċident awtomobilistiku ġewwa Triq tas-Sejba, Mqabba waqt illi kienet misjuqa mill-konvenut Ryan Sciberras illi dak inhar kellu biss wieħed u għoxrin (21) sena, u kwindi ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva;*

*3. Illi inoltre, jirriżulta ksur ulterjuri tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' esponenti stante illi l-konvenut Rvan Sciberras telaq minn fuq il-post ta' l-inċident qabel ma waslu l-uffiċjali tal-Pulizija sabiex jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom, u wkoll għaliex il-konvenut Ryan Sciberras u l-imsemmi Silvio Sciberras naqsu milli jirreġistraw claim mas-soċjeta' esponenti in konnessjoni ma' dan il-każ. Dana qiegħed jiġi sottomess mingħajr preġudizzju għal kull ksur ulterjuri tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' esponenti, skond ma jista' jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

*4. Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk is-soċjeta' esponenti tista' tiġi kkundannata biss illi tħallas id-danni pretiżi mill-attur ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha u x-xufier effettiv;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur għandu jġib l-aħjar prova tal-ħtija tal-konvenut Ryan Sciberras għall-inċident de quo u ta' l-ammont ta' danni minnu reklamati."*

6. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

*"Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

*Tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-imħarrek Ryan Sciberras waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fis-17 ta' Lulju, 2011, meta waqt li kien qed isuq il-vettura reġistrata RYN-131, fi Triq is-Sejba, fl-Imqabba, tajjar lill-attur Darren Vella u ġablu ġrieħi li ma jfiqux;*

*Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur fl-ammont ta' erbgħa u sittin elf erba' mija u ħames euro (€64,405);*

*Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek u lill-kumpanija intervenuta fil-kawża, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma ta' erbgħa u sittin elf erba' mija u ħames euro (€64,405), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ*

*millum sal-jum tal-ħlas effettiv, b'kull jedd ta' rivalsa lill-istess kumpanija intervenuta fil-kawża fil-konfront tal-imħarrek u/jew tal-assikurat tagħha; u*

*Tikkundanna lill-imħarrek u lill-kumpanija intervenuta fil-kawża jħallsu, flimkien u solidalment bejniethom, l-ispejjeż tal-kawża.*"

7. L-intimat Ryan Sciberras (minn issa 'l quddiem l-appellant) ressaq appell nhar is-27 ta' Lulju 2021 u l-attur (minn issa 'l quddiem l-appellat) ressaq risposta nhar is-27 ta' Ġunju 2024.

**Fatti**

8. Din il-Qorti rat l-atti. Rat is-sommarju ta' fatti fis-sentenza tal-Ewwel Qorti:

*"..Illi din hija azzjoni għal danni wara li l-attur ittajjar minn vettura misjuqa mill-imħarrek. L-attur jgħid li kien qed jagħti għajnuna lil sewwieq ta' vettura oħra meta ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-imħarrek Sciberras u baqa' midrub billi ġarrab ġrieħi li ġabulu debilità li ma tgħaddix;*

*Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek jilqa' billi jiċħad li kien hu li kkawża dannu lill-attur. Min-naħa tagħha, il-kumpanija intervenuta fil-kawża (minn issa 'l hemm imsejħa "Fogg") – li kienet assikurat il-vettura misjuqa mill imħarrek – qalet li f'każ li l-Qorti kellha ssib li l-imħarrek jaħti għal dak li ġara, għandu jiġi rikonoxxut id-dritt tagħha ta' rivalsa kontra l-istess imħarrek u l assikurat tagħha. Tgħid ukoll li fil-ħin li seħħ l-inċident, kien hemm ksur tal kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni;*

*Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li nhar is-17 ta' Lulju, 2011, fis-sigħat bikrija ta' filgħodu, l-attur kien qed isuq il-vettura tiegħu minn Triq is-Sejba, ġewwa l-Imqabba, meta waqaf biex jagħti għajnuna lil wieħed Emanuel Buġeja li kien wieqaf mal-ġenb tat-triq għax niżlitlu waħda mir-roti ("puncture") tal-karozza tiegħu. Preżenti kien hemm ukoll mart Emanuel Buġeja, Angela;*

*Illi waqt li l-attur kien baxxut ibiddel il-puncture tar-rota tal-vettura ta' Buġeja, għaddiet vettura minn ħdejhom, laqtithom it-tnejn, u filwaqt li tefgħathom mal-art, baqgħet sejra. Huma ma rawx il-vettura jew il-*

*persuna li kienet qed issuqha. Ftit wara, wasal pulizija fuq il-post li talab għall-għajnuna u sejjaħ ambulanza billi l-attur u Buġeja dehru midrubin u mixħutin mal-art. Fuq is-sit, il-vettura tal-attur kienet bil-hazard lights mixgħulin, filwaqt li dik ta' Buġeja kienet bid-dawl mitfi. Il-vettura ta' Buġeja ġarrbet ħsarat fuq in-naħa tal lemin tagħha;*

*Illi dak il-lejl, l-attur ittieħed l-Isptar Mater Dei b'ambulanza u nżamm hemmhekk għall-osservazzjoni u l-kura għal disat (9) ijiem. Dak inhar tal-inċident, l-attur kellu ħamsa u għoxrin (25) sena u kien jaħdem bħala "Quality/Testing Inspector" ma' kumpanija Maltija li tispeċjalizża fil produzzjoni ta' sistemi ta' tkessih ta' impjanti industrijali għall-esportazzjoni. Wara l-inċident, ma reġax daħal għax-xogħol u fit-23 ta' Marzu, 2012, il kumpanija li kien jaħdem magħha temmitlu l-impieg minħabba li ma setax jidħol lura għax-xogħol li kien jagħmel qabel. Madankollu, reġa' ddaħħal fl impieg li kellu fl-4 ta' Ġunju ta' dik l-istess sena;*

*Illi aktar tard matul il-lejl meta seħħ il-każ, l-imħarrek mar ma' missieru, Saviour Sciberras, l-Għassa taż-Żurrieq u rrapportaw li l-imħarrek aktar kmien matul il-lejl kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RYN 131, tal-għamla Mazda 2, fi Triq is-Sejba, fid-direzzjoni lejn is-Siġġiewi. Missier l imħarrek kien is-sid reġistrat tal-vettura misjuqa minn ibnu dak il-ħin li seħħ l inċident. L-imħarrek stqarr li skiddjatlu l-karozza, u kien beżgħan li seta' laqat xi nies, u li baqa' sejjer lejn id-dar; Illi minn stħarriġ li għamlet il-Pulizija fil-garaxx ta' l-imħarrek, jirriżulta li l-vettura misjuqa mill-imħarrek ġarrbet ħsarat fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Fost il-ħsara kien hemm dik imġarrba mill-kappa tal-mera tan-naħa tal lemin. Aktar kmieni fuq is-sit tal-inċident, instabet parti minn mera ta' vettura tal-għamla Mazda 2 ta' kulur abjad perla metalliku li jixbah il-lewn tal-vettura misjuqa mill-imħarrek. Il-Pulizija ressqu lill-imħarrek quddiem il-Qorti Kriminali u xlewh, fost oħrajn, li kkawża offiżi ta' natura ġravi fuq il-persuna tal attur. L-imħarrek ammetta l-akkużi miġjuba kontrih u b'sentenza mogħtija fil 11 ta' Frar, 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabitu ħati tal-akkużi kollha kif hemm imfisser;*

*Illi jirriżulta li l-vettura misjuqa mill-imħarrek kienet assikurata fuq missieru, u kienet inħarġet fl-1 ta' Lulju, 2011. Fost il-kundizzjonijiet tal-polza, kien hemm waħda li tgħid li ma setgħetx tinsaq minn persuna taħt l-età ta' 25 sena. Il-vettura hija tal-għamla Mazda 2 ta' lewn 'crystal white'. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek, dakinhar tal-inċident, kellu 21 sena, u naqas li jressaq claim ma' Fogg, li kienet tkopri l-vettura;*

*Illi wara l-inċident, l-attur għamel żmien nieqes mix-xogħol u l impieg tiegħu ġie aktar tard mitmum. L-attur jgħid li ġarrab ġrieħi f'saqajh u f'dahru, u li għadu muġugħ sallum. Jgħid ukoll li daħal f'ħafna spejjeż. 22 Ibid. 23 Dok "O", f'paġ. 9 tal-proċess 24 Ara Rapport tal-Inċident f'paġ. B'sostenn ta' dan, l-attur iressaq kemm rapporti mediċi kif ukoll irċevuti oħra marbuta ma' spejjeż minfuqa minnu b'riżultat tal-inċident;*

*Illi b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Novembru, 2012, mibgħuta għall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Fogg talbet lill-imħarrek u lil missieru l assikurat biex jersqu w jassumu r-responsabilità tal-inċident u jagħmlu tajjeb għad-danni marbuta miegħu;*

*Illi fis-16 ta' Jannar, 2013, infetħet din il-kawża;*

*Illi l-esperti mediċi maħtura mill-Qorti waslu għall-fehma li l-attur tassew qiegħed ibati minn debilità, u li din m'hijiex sejra tgħaddi maż-żmien. Huma wasal għall-fehma li d-diżabilità ortopedika hija fil-grad bejn tnax fil-mija (12%) u ħmistax fil-mija (15%), filwaqt li dik marbuta ma' kirurgija plastika hija fil-grad ta' erbgħa fil-mija (4%);..."*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Permezz **tal-appell imressaq mill-appellant Ryan Sciberras**, hu jilmenta illi mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, ma jirriżultax prova waħda li torbot lill-appellant mal-inċident in kwistjoni. Jirriżulta li kemm l-appellat u anke Emanuel Bugeja u l-mara tiegħu, li kienu fuq il-post tal-inċident, ma raw la lill-appellant u anqas il-vettura tiegħu u anqas ġiet identifikata l-għamla tal-vettura li kkawżat l-inċident. Jisħaq li l-unika investigazzjoni li saret mill-Pulizija kienet biss fuq il-vettura tal-appellant li kellha biss ħsara fil-kappa tal-mera tan-naħa tal-lemin u ma rriżultaw l-ebda ħsarat oħra. L-appellant jgħid li huwa dubjuż kif tnejn min nies weġġgħu serjament u l-unika ħsara li kellha l-vettura kienet biss fil-kappa tal-mera. Dan joħloq dubju serju kemm kien hu li fil-verità ikkawża l-inċident tas-17 ta' Lulju 2011. Jidher li l-Ewwel Qorti rabtet l-inċident mal-appellant in segwitu għal ammissjoni fil-proċeduri kriminali ntavolati fi Frar 2016. B'referenza għall-ġurisprudenza jgħid li għalkemm ma jidher li

mhemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni fi proċeduri ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali, hi kwistjoni oħra jekk dokumenti eżebiti fi proċeduri kriminali jistgħux jagħmlu prova f'azzjoni ċivili u dan minħabba l-indipendenza tal-azzjoni ċivili.

10. Jargumenta li hu minnu li hu ra dawl qawwi iżda fil-proċeduri ċivili ma kkonfermax li kien hu li kkawża l-inċident u aktar minn hekk il-pulizija ma għamlitx investigazzjonijiet ulterjuri u strieħu biss fuq il-fatt li hu mar l-għassa ma' missieru. Ma saru l-ebda eżamijiet fuq il-vettura in kwistjoni u anqas ittieħed *breathiliser test* lill-appellant u l-provi avvanzati mill-attur iduru biss ma assunzjoni li l-appellant kien il-persuna li kkawża l-inċident.

11. L-**attur appellat wieġeb** li s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi kkonfermata u li b'referenza lejn l-atti u sottomissjonijiet, u anke rapport tal-pulizija, l-Ewwel Qorti għamlet analiżi fil-fond. Iżda ta' min iżid li fi proċeduri kriminali l-appellant nstab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess li tajjar lill-attur fis-17 ta' Lulju 2011. Għalkemm hu minnu li minn ċertu aspetti dak li hemm fil-kamp ċivili ma japplikax fil-kamp penali, affermazzjoni ta' responsabbiltà hija waħdanija.

12. **Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tar-responsabbiltà tal-akkadut:**

> "*Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> f'din il-kawża huma tlieta. L-ewwel u qabel kull ħaġa oħra hemm dik marbuta mal-ħtija għall-*

*inċident u jekk hemmx rabta bejn dik il-ħtija u l-korriment imġarrab mill-attur. It-tieni, f'każ li toħroġ dik ir-rabta, il-likwidazzjoni tal-ammont xieraq tad-danni. It-tielet, ir rabta ta' Fogg f'dan kollu u l-jedd ta' rivalsa li għandha favur tagħha;*

*Illi l-**kwestjoni tal-ħtija** għall-inċident li seħħ għandha spunti interessanti f'dan il-każ. Dan ġej mill-fatt li l-inċident ġara f'ħin meta ma jidhirx li kien hemm traffiku ieħor fl-inħawi u fl-eqqel tal-lejl. Iċ-ċirkostanzi ta' kif l attur jgħid li safa midrub ukoll mhumiex tas-soltu. Din ma kinitx ħabta bejn vetturi: l-attur lanqas biss kien qiegħed isuq għaliex, x'ħin intlaqat, kien qiegħed ibiddel rota ta' vettura ta' ħaddieħor u kien ħareġ mill-vettura tiegħu biex jagħtih daqqa t'id. Fit-tielet lok, la l-attur (u lanqas ix-xhieda li kienu fuq il-post dak il ħin li seħħ l-inċident) u lanqas l-imħarrek ma jafu sewwasew x'ġara fil-ħin preċiż tal-inċident, għalkemm l-imħarrek jistqarr li baqa' sejjer lejn daru u ma niżilx mill-vettura li kien qiegħed isuq, iżda aktar tard dak il-lejl mar l-Għassa tal Pulizija biex jirrapporta li kien involut f'inċident;*

*Illi l-attur huwa kategoriku fix-xiljiet tiegħu u aktar u aktar fit-talbiet attriċi meta jgħid li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident u li kien l-imħarrek li tajru bil-vettura li kien qiegħed isuq dakinhar. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jiċħad għal kollox li kien jaħti hu għal dak li ġara;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l allegazzjoni. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal prinċipju li actore non probante reus absolvitur. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. F'kawża bħalma hija dik li l-Qorti għandha quddiemha llum, huwa prinċipju stabilit li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġabx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun*

*naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir;*

*Illi għalhekk, fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha;*

*Illi b'żieda ma' dan jingħad li l-kawża li l-Qorti għandha quddiemha hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il liġi titkellem ċar dwar ir-responsabbiltà tal-għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, ukoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni. Ta' dan id deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbiltà ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż;*

*Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni. Għar-rigward tal kwestjoni tar-responsabbiltà huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ġarrab il-ħsarat li minnhom jilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-parti mħarrka kienet taħti għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalità bejn l-għemil (jew l-omissjoni) tal-parti u l effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-attur fil-kawża tal-lum;*

*Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa iridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju;*

*Illi l-ligi teħles mir-responsabbiltà ta' xi għemil li jġib il-ħsara dak kollu li jseħħ minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri. Madanakollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal bniedem u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju jew, għall-anqas, jista' jiġi evitat. Min-naħa l-ohra, il-fatt li jitnissel minn forza maġġuri huwa li l-ġrajja tiegħu ma jista' jiqfilha ħadd;*

*Illi filwaqt li hu l-obbligu ta' min jallega li ġarrab ħsara li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu, meta l-parti mixlija bi ħsara tgħid li ma kinitx taħti minħabba l-aċċident, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dawn iċ-ċirkustanzi. F'dan ir-rigward, l-attur jistrieħ fuq l-ammissjoni reġistrata mill-imħarrek Sciberras fil-proċeduri kriminali li nġabu*

*kontrih, kif ukoll fuq il-fatt li minn jeddu dak inhar stess tal-inċident, l-imħarrek mar l-Għassa u rrapporta li seta' laqat xi nies fl-imsemmi inċident. L-imħarrek Sciberras jiddefendi l-każ tiegħu fuq tliet linji ta' difiża: l-ewwel waħda li jgħid li tgħammex b'leħħa ta' dawl qawwi qabel ħass li laqat xiħaġa, iżda qatt ma stqarr li kien hu li kkawża l inċident. It-tieni waħda hi li l-Pulizija ma kkonkludietx l-investigazzjoni tagħha, iżda straħet fuq l-assunzjoni li seta' kien l-imħarrek li kkawża l-inċident. Filwaqt li fit-tielet difiża, l-imħarrek jistrieħ ukoll fuq l-indipendenza tal-kawża ċivili mill-proċeduri kriminali. Għaldaqstant jgħid li ma għandu ebda ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur;*

*Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li tressqu quddiemha u jirriżultalha illi l-attur safa vittma ta' inċident meta ttajjar minn vettura li baqgħet sejra għal għonq it-triq. L-imħarrek jisħaq li huwa qatt ma stqarr li kienet il-vettura misjuqa minnu li laqtet lill-attur u, matul is-smigħ tal-kawża, xehed li kien tnissillu dubju kemm kien minnu li kien tajjar xi persuna f'dak l-inċident. Huwa qal ukoll li qabel ma ħass li laqat xiħaġa, kien tgħammex b'dawl qawwi li ma ħallihx jara fejn sejjer. Mill-provi ħareġ ukoll li l-attur kien sejjer lejn daru (dak iż-żmien hu kien joqgħod fi Triq Valletta, fl-Imqabba) mis-Siġġiewi, filwaqt li l-imħarrek kien sejjer mill-Imqabba lejn is-Siġġiewi. Il-vettura li niżlitilha r-rota u li l-attur waqaf jgħin lil sidha jibdilha wkoll kienet sejra minn Triq is-Sejba lejn l Imqabba;*

*Illi l-medda tat-triq fejn sar l-inċident għandha bini fuq ix-xellug għal min ikun ġej minn Ta' Kandja, filwaqt li hemm dwal tat-triq ma' tulha. Jidher li l-inċident seħħ ftit qabel ir-roundabout ta' Pjazza tad-Djamanti fejn Triq is-Sejba tiltaqa' ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fl-Imqabba. Il-wiċċ tat-triq huwa asfaltat tajjeb u t-triq mhijiex dejqa;*

*Illi minn qari b'reqqa tal-provi mressqa u kif ukoll tas sottomissjonijiet magħmula, il-Qorti tasal għall-fehma li tressqu provi tajbin biżżejjed li jwassluha ssib li l-imħarrek jaħti għall-inċident. Fl-ewwel lok, il-fatt li huwa nnifsu flimkien ma' missieru mar jirrapporta l-inċident ftit sigħat wara li seħħ, jorbtu mal-fatt. Sa dak il-ħin, ma kienx magħruf min kien is-sewwieq involut u li baqa' sejjer minn fuq il-post. Bir-rapport li huwa mar jagħmel fl Għassa taż-Żurrieq, l-imħarrek ta isem lil min kien imdaħħal fil-każ. Mhux hekk biss, imma bil-verżjoni tiegħu ta' dak il-ħin ikkonferma dak li l-Pulizija kienu diġà sabu fuq il-post meta xiħadd irrapporta l-inċident u kienu niżżluhom fir rapport tagħhom tal-inċident. Fit-tieni lok, il-ħsarat imġarrba fil-vettura li l-attur kien qiegħed jibdlilha r-rota (il-Kia Avella ta' Emanuel Buġeja) u dik fil-vettura misjuqa mill-imħarrek u kif ukoll il-biċċa mill-mera tal-ġenb li nstabet fuq il post, juru li f'xi ħin dawk il-vetturi ħabtu ma' xulxin. Il-vettura ta' Buġeja kienet wieqfa, għalhekk, kienet tabilfors il-vettura misjuqa mill-imħarrek li ħabtet magħha. Fit-tielet lok, jekk kemm-il darba l-vettura misjuqa mill-imħarrek kienet laqtet il-vettura ta' Buġeja fuq in-naħa tal-lemin tagħha, huwa aktar minn probabbli li l-attur intlaqat minnha wkoll, għaliex kien qiegħed jgħin lil Buġeja jibdel rota li kienet fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħu. Fir-raba' lok, ladarba l-imħarrek jagħraf li l-*

*karozza li laqat kienet wieqfa f'ġenb it-triq (u mhux f'nofs triq) u ħadha bin-naħa tal-lemin tal-vettura li kien qiegħed isuq, joħroġ li b'hekk kien qiegħed jistqarr li kien mar fuq in-naħa l-oħra ta' fejn kellu jkun;*

*Illi, fuq dawn iċ-ċirkostanzi biss, il-Qorti wkoll tista' toqgħod fuq il fehma tagħha dwar min kien jaħti għall-inċident. Dawn huma provi mressqa sewwasew fil-mixi tal-kawża quddiem din il-Qorti. Madankollu, hemm elementi oħrajn li jsaħħulha l-fehma tagħha f'dan il-każ. L-ewwel ħaġa hija l-prova tal istqarrija tal-imħarrek fil-proċeduri kriminali meħuda kontrih. Il-Qorti tagħraf li r-regola hija li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin. Madankollu, it-tressiq f'kawża ċivili ta' provi meħuda minn proċess kriminali – magħduda sentenzi li jagħlqu l-proċess penali – la hu projbit mil-liġi u lanqas irregolari. Għall-kuntrarju, it-tressiq ta' dawk il-provi jaf ikun għodda fejjieda biex wieħed jara kemm jista' joqgħod fuq il-provi mressqa fil proċess ċivili, minbarra li, bħala atti ta' qorti, huma provi ammissibbli li ma hemm ħtieġa tal-ebda prova oħra dwar l-awtentiċità tagħhom. Il-Qorti, f'din iċ ċirkostanza, timxi ma' dak li ngħad f'dan ir-rigward f'għadd ta' deċiżjonijiet tal Qrati Maltin tul medda mifruxa ta' żmien;*

*Illi mill-kopja awtentikata tas-sentenza li ressaq l-attur, din il-Qorti ssib li fil-bidu ta' Frar tal-2016, l-imħarrek ammetta li kien imdaħħal fl-inċident mertu tal-każ, li kien saq b'mod perikoluż u bla kont, li ħabat mal-vettura ta' Emanuel Buġeja u għamlilha ħsara u, xejn anqas, li tajjar lill-attur u ikkawżalu ġrieħi ta' sura gravi. Il-Qorti jidhrilha li din il-prova titfa' dawl ċar wisq fuq il provi l-oħrajn li jippunaw is-swaba' tal-ħtija fuq l-imħarrek. Tgħid dan għaliex l-istqarrija tal-imħarrek tal-imputazzjonijiet imressqin kontrih twaqqa' il-verżjoni tiegħu li ma jafx jekk kienx hu li tajjar lill-attur (u dan fi żmien wara li qajjem din il-linja ta' difiża f'din il-kawża), imma wkoll tikkostitwixxi prova pożittiva u ta' min joqgħod fuqha li ma setax kien ħaddieħor li ikkawża d-danni lill-attur dakinhar f'dak l-inċident;*

*Illi, it-tieni ħaġa, huwa minnu li l-imħarrek jgħid li, qabel ma ħass il-ħabta, kien tgħammex b'leħħa ta' dawl qawwi li ma ħallihx jara x'qed iseħħ. Matul is-smigħ tal-kawża u l-ġbir tal-provi huwa ma ressaqx xhieda biex ifisser x'kien dak id-dawl u mnejn inqala'. Madankollu, jekk b'din il-linja ta' difiża ried tħosshiex f'qagħda li tilqagħha. Huwa magħruf li f'każijiet mibnija fuq il-ħtija akwiljana, id-difiża tat-terz mhux magħruf ma tgħoddx biex teħles lill-parti mħarrka mill-obbligu li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tkun ġrat jekk kemm-il darba jintwera li hemm rabta bejn l-imġarrab u l-għemil (jew omissjoni) tal-parti mħarrka. F'każijiet fejn il-parti mħarrka mixlija b'responsabbiltà tipprova teħles minn dik ix-xilja billi tipponta subgħajha lejn ħaddieħor, il-Qrati ma jħarsux b'wisq favur lejn atteġġament bħal dan. Jekk dik il-parti mħarrka ma tafx min seta' kien tali terz jew jekk, minkejja li kellu ħjiel, naqset li tressqu fil-kawża, m'huwiex xieraq li għal dan il-fatt tbati l-parti attriċi (li, fil-ħsieb tagħha, tkun diġà indirizzat il-pretensjonijiet tagħha kontra l-parti mħarrka) u jinħeles min kellu parti mill-ħtija. F'każ*

*li jiġri hekk, titħaddem ir-regola li tinsab fl-Artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili. Minbarra dan, billi l-kawża tagħmel stat fir-rigward tal partijiet li jkunu fiha, l-ebda Qorti ma tista' titfa' ħtija fuq min ma jkunx parti fil kawża. Għalhekk, safejn il-Qorti tkun sodisfatta li l-parti mħarrka b'xi mod tkun responsabbli għal dak li tixliha bih il-parti attriċi, ma jkunx hemm lok għal aktar spekulazzjoni dwar xi sehem li seta' kellha xi terza persuna li la tissemma b'isimha jew tkun identifikata jew lanqas biss tissejjaħ fil-kawża;*

*Illi, kemm hu hekk, jinsab stabilit li jekk kemm-il darba f'kawża tinġab prova li kien hemm responsabbiltà ta' terza persuna li m'hijiex fil-kawża flimkien ma' responsabbiltà tal-parti mħarrka, il-konklużjoni ma tkunx li l-parti mħarrka titqies responsabbli f'parti biss, imma titqies responsabbli f'kollox lejn il-parti attriċi bid-dritt ta' dik ta' kull jedd ta' azzjoni ta' rivalsa fir-rigward tat terza persuna, jekk ikun il-każ;*

*Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall fehma wkoll li hemm rabta kawżali bejn dak l-inċident u l-ġrieħi li ġarrab l-attur. Jekk l-imħarrek għalhekk waħdu jaħti għal dak li ġara, hekk ukoll irid jagħmel tajjeb għall-ħsara li ikkawża sewwasew minħabba din ir-rabta kawżali; Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;"*

13. **Din il-Qorti tqis li effettivament dak li jitlob l-intimat huwa li din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi għaliex jgħid li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq assunzjonijiet u ma tressqet l-ebda prova konkreta fir-rigward tar-responsabbiltà tal-inċident.**

14. Madankollu wara li qieset l-atti mressqa u l-konsiderazzjonijiet mressqa mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx li għandha raġunijiet biżżejjed sabiex tiddisturba s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

15. Din il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti. Tassew huwa minnu li l-każ odjern hu wieħed kemmxejn stramb u dan għaliex l-ebda mill-persuni nvoluti ma raw lil xulxin. Infatti li

kieku mhux għax l-intimat stess stqarr mal-pulizija li għadda mit-triq fejn kien jinsab l-attur jassisti terza persuna jbiddel *tyre* ta' karozza, hemm dubju kemm kien ikun hemm prova oħra li torbot lill-intimat mal-inċident, u jekk kien hemm din ma tressqitx. Infatti din il-Qorti rat l-*istatement* (mhux kontestat) mogħti mill-intimat lill-pulizija, il-fatti ta' liema *statement* jikkonfermaw dak li stqarr l-attur stess:

> *"..Aktar tard għall-ħabta ta' 03:00HRS ġie ċertu Ryan Sciberras ID76790M ta' 33 'Fior del Carmel' Triq Filippo Zammit Qrendi flimkien ma' missieru Salvatore Sciberras l-għassa ż-Zurrieq, fejn stqarr li kien hu il-persuna li kien involut fl-allegat inċident.*
>
> *Ryan Sciberras żvela illi aktar qabel illum 17/07/2011 għall-ħabta ta' 00.40HRS hu kien għaddej minn Triq is-Sejba Mqabba, direzzjoni lejn is-Siġġiewi bil-vettura tiegħu bin-umru RYN131 Mazda 2, u kif wasal mal-kisra skidjatlu l-vettura bil-konsegwenza li laqat vettura oħra li kienet ipparkjat fil-ġenb tat-triq mingħajr ebda indikazzjoni ta' dawl u bil-biża baqa' sejjer għax innota ukoll li setgħa kien laqat xi persuna f'dan l-inċident.*
>
> *Il-pulizija marret fil-garaxx tal-kwerelanti sabiex tikkonferma l-ħsara tal-allegat vettura Ryan131 li huma dawn: Il-Mudguard ta' wara tan-naħa tal-lemin, il-bumper ta' wara tal-lemin, u il-kappa tal-mera tan-naħa tal-lemin..."*[1]

U dan anqas minn tliet siegħat wara li tressaq is-segwenti rapport (infatti ġie preżentat rapport wieħed bl-i*statement* segwenti u dak suespost):

> *"Fis-17/07/2011 għall-ħabta ta' 00:45HRS dan id-diviżjoni kien infurmat permezz ta' telefonata illi kienet tgħid li fi Triq is-Sejba Mqaba il-ġewwa, ftit qabel ir-roundabout, hemm żewġ persuni mal-art issofru bl-uġiħ, li x'aktarx kien tajjarom xi ħadd b'vettura u baqa' sejjer.*
>
> *Il-pulizija marret immedjatament fuq il-post, fejn minn stħarriġ preliminari irriżulta li l-vittmi huma ċertu Darren Vella I.D.:190386M u lil Manuel Bueja I.D:8549M li kienu mixħuta fl-art biswit vettura ta' tip Kia Avella. Ftit tal-ħin wara waslet ambulanza fuq il-post u ħadet lil pazjenti lejn l-isptar Matre Dei għal kura meħtieġa.*

---

[1] *Fol 42 – Current Incident Report - 17/07/2011*

*Il-pulizija fuq il-post innutat li quddiem l-istess Kia Avella direzzjoni minn naħa ta' Kandha minn fejn kienu ġejjin, kien hemm ipparkjata vettura ta' tip Volvo bin-numru tar-reġistrazzjoni GAG034 li kien qed issuqq l-imsemmi Darren Vella li kienet bil-Hazard Lights mixgħawlin filwaqt li Kia Avella kienet osservata bid-dawl mitfi.*

*Meta Darren Vella ġie mitkelllem mill-pulizija fil-pożizzjoni li kien żvela li hu kien għaddej bil-vettura tiegħu ta' tip volvo minn Triq is-Sejba l-Imqabba, u f'ħin minnhom osserva persuna wieqaf mal-ġenb tat-triq jibdel puncher u waqaf sabiex jtih l-għajnuna u x'ħin huma kienu qiegħdin jibdlu l-puncher tat-tyre ta' quddiem tan-naħa tal-lemin tal-vettura Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni GAL812, fil-pront ġiet vettura mhux magħrufa mid-direzzjoni tal-Imqabba b'veloċita, u laqtithom, fejn bid-daqqa għolliethom u tefathom mal-art.*

*Sid il-vettura inkwistjoni Kia Avella Manueln Bugeja ġiet mitkellem ukoll mill-pulizija fejn stqarr li hu kien waqaf fil-ġenb tat-triq sabiex jibdel it-tyre għax innota li kellu puncher, u waqaf David sabiex jassistih, fejn f'ħin minnhom ġiet vettura b'veloċita mid-direzzjoni tal-Imqabba u tgħathom daqqa, għolliethom u spiċċaw fl-art u l-allegat xufier baqa' sejjer fid-direzzjoni lejn ta' Kandja.*

*....*

*Fuq il-post il-pulizija innutat xi partijiet imkissra tal-plastic mill-allegat vettura u minn stħarriġ li sar irriżulta li l-partijiet nkiwstjoni kienu parti minn mera (side mirror) ta' vettura tat-tip Mazda 2 ta' kulur abjad perla metallic."*

16. Jekk dan ma kienx biżżejjed kien l-intimat stess li daħħal ammissjoni fil-kawża *"Il-Pulizija vs Ryan Sciberras* deċiża nhar il-11 ta' Frar 2016" u dan meta fost id-disa' akkużi li kellu, l-intimat kien akkużat ukoll li:

"*B'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolament tat-traffiku, involontarjament tajjar lil (a) Darren Vella u lil (b) Emanuel Bugeja. Sec. 328 Chap. 9*[2]"

17. Aktar minn hekk x'riedet l-Ewwel Qorti biex tasal għall-

[2] *Fol 180 sa 182*

konklużjonijiet tagħha? Anzi l-Ewwel Qorti lanqas straħet fuq l-ammissjoni tal-intimat biss u dan kif inhu evidenti mill-konsiderazzjonijiet tagħha. Minflok użat l-ammissjoni biss bħala konferma tal-ipoteżi tagħha.

18. Fir-rigward tal-argument magħmul mill-intimat fuq il-provi utilizzati mill-kamp penali, f'kawża ċivili jitqies li dan hu argument dgħajjef, aktar u aktar meta f'dan il-każ il-prova mressqa kienet sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Ġudikatura Kriminali li tinkludi ammissjoni tal-intimat stess u ma tressqu l-ebda dokumenti oħra. *In oltre* l-argument relatat mal-kappa tal-mera huwa skorrett *stante* li skont il-Current Incident Report il-karozza tal-intimat kellha diversi ħsarat.

19. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma tqisx li għandha tiddisturba l-insenjament tal-Ewwel Qorti u qed tiċħad l-ewwel aggravju.

20. Permezz **tat-tieni aggravju l-appellant jargumenta** li hu għalaq il-provi f'Ottubru 2016 u s-sentenza ġiet ippronunzjata f'Lulju 2021 u konsegwentement id-dewmien ma għandux jiġi attribwit lilu. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju jilmenta li l-ammont ta' danni ġew ikkomputati abbażi ta' assunzjonijiet favur l-appellat u dan *in vista* li l-paga ta' sena ġiet kalkolata fuq ammont ta' €14,500 meta effettivament l-appellat ġab prova ta' paga gross ta' €13,500. *In oltre* l-Ewwel Qorti ma tatx piż għal fatt li l-attur irritorna għall-istess xogħol wara l-inċident u

għalkemm hu minnu li l-grad sħiħ ta' debilità għandu jkun 'weighted', l-ammont ta' debilità huwa wieħed għoli *in vista* taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

21. **L-appellat iwieġeb** li dan l-aggravju ma jagħmilx sens u dan għaliex l-Ewwel Qorti waslet biex tiddetermina l-paga wara analiżi tad-dokumentazzjoni u wara li ttieħed kont tal-inflazzjoni. Dwar l-allegazzjoni li d-debilità permanenti misjuba hi għolja, din id-dikjarazzjoni saret mingħajr l-ebda aċċenn 'l għaliex id-debilità għandha tiġi ddikjarata bħala għolja. L-Ewwel Qorti korrettament għamlet analiżi ta' diversi diżabilitajiet applikabbli u applikat il-prinċipju ta' *weighted average* kif suppost.

22. **Din il-Qorti fliet l-att u l-provi dwar il-paga u d-diżabilità permanenti. Fir-rigward tas-salarju,** rat:

a. Ittra mill-kumpanija Seifert MTM Systems Ħal Far li kienet qed tħaddem lill-attur fejn indikat li l-paga fl-2011 kienet ta' €10,251.36 u li l-attur kien fuq *sick leave* mit-18 ta' Lulju 2011[3];

b. Ittra mill-kumpanija li kienet qed tħaddem lill-attur fejn indikat li l-attur kellu l-impjieg itterminat u wara reġa' ġie impjegat bħala *full-timer on reduced hours*[4]. Fil-kontroeżami ta' Josette Sapiano in

[3] *Fol.* 5
[4] *Fol.* 9

rappreżentanza ta' Seifert MTM Systems Ħal Far, l-awtriċi tal-ittra, ġie kkonfermat li l-attur għamel għaxar ġimgħat mingħajr impjieg. Xehdet ukoll li l-attur reġa' rritorna fuq il-post tax-xogħol fuq bażi *full-time* u li kien jagħmel l-*overtime*[5];

c. FS3 tas-sena tispiċċa 31 ta' Diċembru 2009 li turi paga gross ta' €9,138[6];

d. FS3 tas-sena tispiċċa 31 ta' Diċembru 2010 li turi paga gross ta' €13,446[7];

e. FS3 tas-sena tispiċċa 31 ta' Diċembru 2011 li turi paga gross ta' €9,160[8];

f. FS3 tas-sena tispiċċa 31 ta' Diċembru 2012 li turi paga gross ta' €972[9];

g. Affidavit tal-attur fejn jgħid li hu tilef paga u *overtime*[10]*;*

23. **Din il-Qorti, fir-rigward tar-rata tad-debilità permanenti,** rat:

---

[5] *Fol.* 104 *et seq.*
[6] *Fol.* 34
[7] *Fol.* 35
[8] *Fol.* 36
[9] *Fol.* 37
[10] *Fol.* 67 u 68

a. Medical Report datat l-20 ta' Marzu 2012, redatt minn Mr. Francis X. Darmanin, Plastic and Reconstructive Surgeon, li kkonkluda li l-attur sofra 5% debilità permanenti minħabba dannu kkaġunat f'sieq il-leminija tal-attur[11];

b. Medical Report datat is-7 ta' Awwissu 2012, redatt minn Mr. Jason Zammit, Orthopaedic & Trauma Surgeon, li kkonkluda li l-attur sofra 10% debilità permanenti minħabba dannu kkaġunat f'għonq l-attur, spalltu tax-xellug u siequ l-leminija[12];

c. Rapport tal-Periti Mediċi Mr Charles Grixti u Mr Joseph Briffa datat it-23 ta' Settembru 2013[13], li ġew innominati mill-Ewwel Qorti[14]. Permezz ta' dan ir-rapport ġie konkluż li r-rata ta' diżabilità permanenti fuq bażi ta' limitazzjoni tal-movimenti tal-għonq u tal-ispalla x-xellugija, jammontaw għal-15% u l-merek u tibdil fil-kulur tal-ġilda jammontaw għall-4% bit-total tad-diżabilità permanenti jkun 19%;

d. Ġew appuntati periti addizzjonali fuq talba tal-intervenuta fil-kawża[15]: Mr Massimo Abela, Mr Carmel Sciberras, Mr Fredrick Zammit Maempel. Permezz ta' rapport preżentat fis-17 ta' April 2015 ġie

[11] *Fol.* 11 sa 13
[12] *Fol.* 14 u 15
[13] *Fol.* 97 *et seq.*
[14] *Fol. 67*
[15] *Fol.* 134

konkluż li l-attur ġarrab diżabilità permanenti stmata ta' 12% u dan 8% għall-għonq u 4% għall-ispalla x-xellugija. Din l-istima ma ħaditx in konsiderazzjoni l-problema f'riġel l-attur u ċ-ċikatriċi li jaqgħu taħt l-ispeċjalità ta' Plastic Surgeon[16]. In eskussjoni Mr Carmel Sciberras u Mr Fredrick Zammit Maempel kkonfermaw li ma ġietx ikkunsidrata r-rata ta' diżabilità permanenti fir-rigward tal-kirurġija plastika[17].

24. L-Ewwel Qorti qalet hekk fuq il-persentaġġ ta' diżabilita permanenti:

> "*Illi, minbarra dan, dan huwa każ fejn il-vittma ġarrbet aktar minn ħsara waħda taħt oqsma differenti mediċi – dik ortopedika u dik estetika. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attività tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilità li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilità li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku. Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill- attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. F'dan il-każ, il-perċentwali tad diżabilità jistgħu jiġu "weighted" f'perċentwali globali;*
>
> *Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li tinqeda b'sistema mħaddem f'oqsma ta' likwidazzjoni tad-danni magħruf bħala whole person impairment. Dan is-sistema jitħaddem ukoll fil-Qrati tagħna;*
>
> *Illi din il-Qorti, fil-bidu, kienet ħatret aktar minn espert mediku wieħed, minħabba n-natura tal-ġrieħi li Falzon kien ġarrab. Huwa wkoll kien ikkonsulta ex parte ma' speċjalisti ta' oqsma differenti li tawh il-fehmiet tagħhom;*

[16] *Fol.* 143 sa 147
[17] *Fol.* 183

*Illi l-periti mqabbdin mill-Qorti – kemm dawk oriġinali u kif ukoll dawk addizzjonali – ġeneralment jaqblu mal-fatt li l-attur ġarrab debilità li ma tgħaddix kemm mil-lat ortopediku – fl-għonq u fl-ispalla – u kif ukoll mil-lat ta' kirurġija plastika – merk fir-ras u f'parti oħra mistura tal-ġisem. L-ewwel periti waslu għal grad ta' debilità ta' dsatax fil-mija (19%) f'kollox. L-esperti addizzjonali waslu għall-fehma li d-debilità fl-aspetti ortopediċi kienet ta' tnax fil-mija (12%), xi ftit anqas minn dik li waslu għaliha l-ewwel esperti mediċi;*

*Illi, min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis li l-attur għandu jitqies li bid debilità mġarrba, se jkun xorta waħda jista' jissokta fil-ħajja tax-xogħol għalkemm b'limitazzjonijiet. Għalhekk, meta l-Qorti tillikwida l-kumpens xieraq tkun qiegħda tagħmel dan biex tikkumpensa t-telf li ġġarrab u mhux biex tikkundanna lil min kien jaħti għal dik id-debilità biex jissussidja lill-vittma għal għomorha;*

*Illi l-attur jissottometti li l-Qorti għandha żżomm il-grad ta' debilità dwar l-effetti tal-kirurġija plastika li saret (u li x'aktarx hemm bżonn tkompli ssir) kif fissata mill-ewwel periti mediċi – jiġifieri 4% - filwaqt li għal dak li jirrigwarda l-aspetti ortopediċi – l-għonq u l-ispalla – timxi mal-fehma tal esperti addizzjonali – jiġifieri 12%. B'hekk, jissuġġerixxi li l-Qorti timxi ma' grad ta' debilità ta' sittax fil-mija (16%) b'kollox. Fogg tikkontesta dan l argument u tisħaq li f'dan il-każ, il-Qorti jmissha tqis il-weighted average.*

*Illi kif ilu jingħad f'dan ir-rigward, "il-perċentwali ta' diżabilità li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda fuq l-effett li din għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat u l-potenzjal tiegħu li jaħdem bi qligħ". Minbarra dan, huwa aċċettat li meta f'inċident imnissel minn att delittwali persuna ġġarrab ġrieħi jew debilità li ma tgħaddix f'aktar minn aspett wieħed mediku, ikun xieraq li jitħaddem il-kriterju tal-"weighted average" li jqis il-gradi differenti ta' debilità b'rabta mal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni minn qabel li l-għadd ta' ġrieħi mġarrba jintgħaddu b'mod matematiku. Bis-saħħa tal-"weighted average" ikun jista' jinkiseb riżultat mistħoqq u li jkun jirrifletti l-qagħda rejali tal-persuna mġarrba;*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha li s-sottomissjoni ta' Fogg dwar il-grad sħiħ "weighted" ta' debilità mġarrba mill-attur hija mistħoqqa u sejr tilqagħha billi tgħid li l-attur ġarrab debilità ta' ħmistax fil-mija (15%);*

25. Wara li ġie meqjus l-aggravju fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Jiġi osservat li l-esperti inkarigati inkluż dawk addizzjonali

taw figuri viċin ta' xulxin u fil-każ tal-konklużjoni tal-periti addizzjonali, din ma kinitx tinkludi r-rata għall-problemi fir-riġel u l-kirurġija plastika. Għaldaqstant l-appellant ma ta l-ebda raġuni valida l-għala r-rata hi 'għolja', speċjalment meta r-rati preżentati mill-esperti huma ferm viċin xulxin. B'hekk din il-Qorti ma tarax li hemm raġuni biex tmur lil hinn mill-persentaġġ li straħet fuqu l-Ewwel Qorti.

26. Rigward il-paga l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "*Illi bħala molteplikand il-Qorti trid tqis il-fatt li meta seħħ l-inċident, l-attur kellu salarju gross ta' madwar tlettax-il elf u ħames mitt euro (€ 13,500) fis-sena. Wieħed jifhem li dak id-dħul kien jgħodd fih ħlas għal xogħol li sar b'sahra u 'fringe benefits' oħrajn magħduda. Mix-xhieda ħareġ li, meta l-attur reġa' ddaħħal jaħdem fil-post tax-xogħol li kellu qabel f'Ġunju tal-2012, id-dħul tiegħu baqa' l-istess. Ma hemmx dubju li l-attur kiseb ukoll żidiet ta' kull sena minħabba l-għoli tal-ħajja. L-attur jissottometti li għandu jitqies li l-medja tad dħul tiegħu għandha tkun ta' għoxrin elf euro (€ 20,000) fis-sena. Ma jfisser bl ebda mod kif wasal għal dak l-ammont. Min-naħa tagħha, Fogg tmieri dak il-kejl u tgħid li l-medja, fuq is-saħħa tal-provi mressqa mill-attur innifsu, trid tinħadem fuq ftit aktar minn nofs is-somma msemmija mill-attur;*
>
> *Illi l-Qorti tqis li b'qies tat-tagħrif li joħroġ mill-atti tal-kawża u wkoll wara li jittieħed qies ukoll tal-aspett tal-inflazzjoni, il-Qorti ssib li multiplikand xieraq għandu jkun ta' erbatax-il elf u ħames mitt euro (€14,500) netti fis-sena;*"

27. Fir-rigward tal-bażi tal-paga u l-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet il-kalkolu tagħha fuq €14,500, jitqies li l-Ewwel Qorti għamlet dan billi jidher li utilizzat l-paga tal-attur gross għas-sena 2010 fejn ħadem is-sena sħiħa għax ma kienx għadu sofra l-inċident, kienet ta' €13,500 u żiedet €1,000 minħabba l-inflazzjoni għalkemm l-Ewwel Qorti ibbażat il-kalkolu fuq paga netta mhux gross kif inhi l-prassi. Madankollu ma hemm ebda appell mill-attur dwar dan l-aspett. Jitqies li tenut kont li l-bażi tal-paga hi utilizzata

sabiex isir kalkolu għal telf futur, minħabba diżabilità permanenti, din il-Qorti tqis li l-aġġustament hu ġust biex jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni (ara **Radoslav Yurukov v. GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Ottubru 2024 u **Joseph Galea v. Charles Fenech pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Mejju 2000). Konsegwentement din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet konservattiva fil-kalkolu tal-paga annwali meħud il-*multiplier* użat u ma tarax li hemm raġuni tvarja dak deċiż mill-Ewwel Qorti u ser tiċħad dan l-aggravju.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż ta' dan l-appell kontra l-intimat Ryan Sciberras.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da